Minuti tad-disgħa u għoxrin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li ġiet imsejħa fl-uffiċċju amministrattiv temporanju tal-Kunsill Lokali Il-Gudja ġewwa l-Librerija Ġużeppi Zammit nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2014 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**<u>Aġenda:-</u>**

1. Programm ta' Jum il-Gudja 2014

8. Għeluq tal-laqgħa

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Kondoljanzi:-

Mal-ftuħ tal-laqgħa ġie propost u maqbul unanimament li l-Kunsill jibagħat kondoljanzi lill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino u lill-Assistent Prinċipal Ms. Antoinette Azzopardi rispettivament għat-telfa li ġarbu dan l-aħħar bil-mewt tal-qraba tagħhom.

**1. <u>Programm ta' Jum il-Gudja 2014 – Dok 'S1'</u>**

1.1 Is-Sindku preżenta abbozz ta' dan il-programm ta' attivitajiet li sejrin jittellgħu bejn it-08 u l-15 ta' Lulju 2014 (Jum il-Gudja).

1.2 Is-Sindku qal li xtaq jirringrazzja lil kull min qed jgħin sabiex isiru attivitajiet diversi u ħeġġeġ sabiex ikun hemm parteċipazzjoni ta' ħafna mir-residenti tal-Gudja.

1.3 Stqarrija mis-Sindku – servizz ta' banda f'Jum il-Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva żewġ imejls, waħda datata 26 ta' Ġunju 2014 mingħand is-Segretarju tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta is-Sur Carmel Ellul u qed tiġi markata dok 'GħMMA 1' u l-oħra datata 27 ta' Ġunju 2014 mingħand is-Sur Clayton Zammit Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika La Stella u qed tigi markata dok 'SFLS 1'.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-kontenut ta' dawn l-imejls.

Fetaħ id-diskussjoni l-Kunsillier MA Sammut billi qal li ma kienx qed jifhem kif meta fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill kien ingħata ħjiel li ż-żewġ baned kienu lesti li jdoqqu flimkien u jingħataw €300 kull banda u issa qed jirtiraw minn dak li kienu ftehmu dwaru. Is-Sur Sammut wera dubju jekk dan il-ftehim kienx veru seħħ.

Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill ma għandux jagħmila ta' xi arbitru bejn il-baned u għandu jingħata messaġġ ċar li meta l-baned ikunu lesti li jaħdmu u jipparteċipaw flimkien, il-Kunsill jieħu dan is-servizz tal-banda. Is-Sur Sammut kompla billi qal li l-għan tal-Kunsill dejjem kien li għandu jkun hemm l-għaqda mhux biss

sempliċiment li nagħtu l-flus għal xi servizz tal-banda. Il-mistoqsija tqum: "B'dak li sejjer issir sejra tkun hemm l-għaqda mixtieqa!?"

Is-Sindku wieġeb illi l-imejl tas-Soċjetà Filarmonika La Stella turi biċ-ċar li hemm bżonn seduta ġenerali u din ma tistax issir qabel il-15 ta' Lulju 2014. Is-Sindku qal li kemm għalih personali kif ukoll għall-Kunsill din hija sitwazzjoni diffiċli għaliex f'dan l-istadju delikat ma jkunx mixtieq li jisfratta dak li diġa nkiseb.

Il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino qal li l-imejls juru li ż-żewġ baned lesti li jdoqqu waħidhom. Dan jista' issir billi idoqqu b'mod separat f'toroq differenti u bil-patt u l-kundizzjoni li għal darba oħra l-Kunsill ikun interessat li jieħu servizz tal-banda jekk iż-żewġ baned idoqqu flimkien.

Is-Sindku qal li għalkemm iż-żewġ baned għalissa ma jistgħux idoqqu flimkien jistgħu idoqqu u joffru servizz ta' banda b'mod separat.

Il-Kunsilliera Ms. Grech qalet li fil-fehma tagħha l-Kunsill ma għandux jidħol fil-kwistjonijiet ta' bejn il-baned.

Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux qed iħares illi kull banda tingħata €300 għas-servizz iżda iħoss illi jekk kull banda jkollha toroq differenti, xorta waħda għal Jum il-Gudja 2014 iż-żewġ baned ikunu pparteċipaw flimkien iżda b'mod distint.

Is-Sindku qal li jekk ma jkunx il-baned tal-Gudja l-Kunsill xorta waħda għandu bżonn is-servizz tal-banda għal Jum il-Gudja 2014 u għalhekk il-Kunsill ikollu jmur għand ħaddieħor.

Il-Kunsillier Sur Caruana qal li l-Kunsill ma għandux jara li din hija xi problema biss ta' flus. Jekk hemm xi kwistjoni pendenti l-Kunsill ma għandux jidħol.

Is-Sur Caruana qal li għandu jkun prinċipju tal-Kunsill li jeżiġi li ż-żewġ baned għandhom ikunu lesti li jdoqqu flimkien meta jingħata s-servizz lill-Kunsill. Is-Sur Caruana qal li meta ż-żewġ baned ikunu lesti li jdoqqu flimkien tista' faċilment ikun hemm attività li fiha jdoqqu flimkien u mhux li bil-fors wieħed għandu jintrabat mal-15 ta' Lulju 2014. Attivitajiet oħra jistgħu jkun hemm kemm trid iżda l-prinċipju huwa u jibqa' l-għaqda bejn il-baned lokali tibqa' għal żmien twil.

Saret diskussjoni b'mod ġenerali li ż-żewġ baned jistgħu jiddiskutu mal-Kunsill liema t-toroq sejrin ikunu qed iduru.

Is-Sur Caruana qal illi xtaq illi jissuġerixxi lill-baned illi b'mod u bħala sens ta' turija li ż-żewġ soċjetajiet qed jersqu lejn xulxin ikun xieraq li meta l-banda rispettiva tasal quddiem il-każin tas-soċjetà l-oħra, issir ġest ta' ħbiberija bejn il-kumitati taż-żewġ soċjetajiet u b'hekk il-Kunsill jibqa' konsistenti mal-prinċipju tal-għaqda bejn iż-żewġ baned.

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta iżda iħoss li ma jistax jorbot liż-żewġ baned f'dan ir-rigward.

1.4 Pożizzjoni tal-palk waqt Jum il-Gudja. Is-Sindku qal li l-palk jista għal 15 ta' Lulju 2014 jintrama bejn Triq id-Dejqa u Triq San Ċiru u għal 15 ta' Lulju 2015 ħdejn il-PO's Bar faċċata tal-każin Soċjetà Filarmonika La Stella.

Saret diskussjoni fejn deher ċar li ż-żewġ baned għandhom jingħataw fakkulta li jitkellmu flimkien u għandhom jaqblu t-tnejn għaliex b'hekk dak li nbeda jista' jiġi konkluż b'suċċess.

Deċiżjoni:-

Il-Kunsill iddeċieda illi ż-żewġ baned jieħdu sehem b'mod separat u mhux bħala mass band. Illi għandha ssir laqgħa tad-diriġenti tal-baned sabiex jiġi deċiż liema toroq sejrin iduru rispettivament.

Illi fi żmien erbat ijiem mil-lum (Ħamis 03 ta' Lulju 2014 fis-6.00pm) il-Kunsill isejjaħ laqgħa b'urġenza u li għaliha jiġi mistiedna d-diriġenti tal-baned sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw u jinfurmaw lill-Kunsill dwar liema toroq sejrin idoqqu, il-ħinijiet u li jaċċettaw formalment l-ammont ta' €300 għal kull banda.

Il-Kunsill qabel ukoll unanimament li l-baned waqt din il-laqgħa jistgħu wkoll jitkellmu flimkien u jagħmlu proposti oħra li jkunu juru li qed jersqu lejn xulxin b'mod konkret.

1.5 Tifkiriet:-

Is-Sindku qal li tkun ħaġa tajba li fiċ-ċirkustanzi preżenti jingħataw tifkiriet fosthom lil bandisti jkunu għalqu 50 sena ta' servizz u lil voluntiera li jgħinu lill-Kunsill fosthom is-Sur Charles Zammit.

Is-Sur Sammut irrimarka li jkun aħjar li l-Kunsill jaħdem u jwaqqaf Ġieħ il-Gudja u mhux li jagħti tifkiriet b'mod arbitarju u bla ebda regoli stabbiliti.

## 2.0 <u>Għeluq tal-laqgħa</u>

2.1 Youths Decide Act / Vot 16 (attivitajiet sportivi għaż-żgħażagħ). Is-Sur Sammut ikkonferma li sejra ssir Press Conference nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju 2014 fil-Palazz Bettina u dan wara li huwa kien għamel l-arranġamenti meħtieġa.

F'dan l-istadju is-Sur Baldacchino qal li xtaq jirrimarka li dawn l-affarijiet għandhom jiġu diskussi qabel u b'hekk ikun hemm aktar ordni u parteċipazzjoni fil-ħidma tal-Kunsill.

Is-Sur Sammut qal li filwaqt li ma kinex il-ħsieb tiegħu li jaqbeż lil Kunsill, dak li ġara kien minħabba ħin ristrett u peress li din kienet l-eqreb laqgħa ħass li kien propizju li jinforma lill-Kunsill dwar dan.

Is-Sindku stqarr li għal darba oħra l-Kunsill għandu jkun infurmat minn qabel sabiex b'hekk il-ħidma tal-Kunsill tkun aktar effettiva u kordinata.

Is-Sur Sammut qal li xtaq jirringrazzja lil kull min kien qed jaħdem sabiex din l-attività tiġi organizzata b'suċċess u lis-Sur Gino Trapani Galea Feriol talli aċċetta li l-Press Conference tal-10 ta' Lulju 2014 issir fil-Palazz ta' Bettina u li tkun okkażjoni unika li ż-żgħażagħ jidħlu f'dan il-Palazz prestiġjuż li mhux miftuħ għall-pubbliku.

Il-media kollha hija mistiedna għal din il-Press Conference.

Mistednin distinti huma:- Onor Dr. Stefan Buontempo Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, Onor Chris Agius Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoi, Sports u Żgħażagħ, Onor David Agius u l-Onor Robert Cutajar, Direttur is-Sur Carmel Abela, Aġenzija Żgħażagħ u il-Kumitat tal-Vot 16.

Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsill kollu xtaq jirringrazzja lis-Sur Sammut u l-Ambaxxatriċi Ms. Bugeja għal ħidma tagħhom u xtaq li l-kunsillieri kollha jattendu u jistiednu lil kulħadd sabiex jattendu u jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet.

Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita, is-Sindku aġġorna l-laqgħa fit-8.30pm għal nhar il-Ħamis 03 ta' Lulju 2014 fis-6.00pm b'din l-agenda:-

1. Parteċipazzjoni tal-Baned waqt Jum il-Gudja 2014
2. Għeluq tal-laqgħa

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Approvati:-